-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13

[Nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion– Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Jessica Borg – Kunsilliera
Jeremy Cardona– Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Alexander Zammit – Kunsillier

ASSENTI

N/A

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Peress illi s-Sindku kien għadu mhux preżenti, kif ukoll la l-Viċi Sindku kien għaraf lill-kunsill illi se jattendi tard, il-kunsillier N.Chetcuti ppreseda l-laqgħa fis-5pm.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

13.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi l-kunsillier A.Zammit qal illi mhux se jattendi għal-laqgħa peress illi ma kellux ħin jipprepara la d-dokumenti għal-laqgħa intbagħtu tard. Żied illi l-Viċi Sindku kien qal illi se jkun tard inħabba x-xogħol.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-kunsillier J.Cardona, b'referenza għal punt 13.4.6, qal illi kien talab għall-invoices. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi mhux sew illi kunsilliera ma jiġux konsultati fuq spejjez bħal dawn. Id-D.S.Ezekuttiv fakkar illi ħlasijiet kienu għadom ma sarux.

Il-kunsillier H.Caruana qal illi ma kull oġġett li tinxtara jkun hemm invoice. Id.Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi dik dejjem tkun il-każ u fakkar illi kien bagħat lill-kumpanija biex jibagħtu invoice li tkun marbuta mall-affarijiet illi kienu jafu bihom il-kunsilliera kollha, waqt illi spjegazzjoni fuq l-affarijiet l-oħra intbagħtet wara lilhom kollha.

Is-Sindku daħal fil-17:35

13.2.2 B'referenza għall-punt 13.6.3 id-D.S.Eżekuttiv qal illi l-kuntrattur se jipprova jiġi jagħmel ix-xogħol sal-aħħar ta' Ġunju.

13.2.3 B'referenza għal punt 13.6.4 il-kunsillier S.Farrugia qal illi kien kellem lis-Sindku dwar il-problema ġewwa triq Nazju Ellul. Is-Sindku kkonferma li r-residenti qegħdin jitkellmu mall-avukat tagħhom u qed ikun inkluz fil-korrespondenza.

13.2.4 B'referenza għat-Tower Crane ta' triq Reggie Miller ma triq Luqa Briffa [punt 13.6.5], id-D.S.Eżekuttiv ikkonferma li m'għandomx permess għat-Tower Crane fil-prezent.

13.2.5 B'referenza għal punt 13.6.7 il-kunsillier S.Farrugia qal illi l-affarijiet issa qegħdin isiru mingħajr l-ebda inkonvenjenza għar-residenti u m'hemmx irwejjaħ.

13.2.6 Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti jiġu approvat. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ.

## 13.3 Korrespondenza mas-Sindku

13.3.1 Is-Sindku qal illi persuna mill-kumitat tal-festi ħareġ bl-idea li din is-sena tkun hemm xi ħaġa oħra minflok il-festa normali la ma tistax isir. Talab illi jkun hemm quartet u ftit kant, waqt illi kollox tkun iffilmat u anka b'drone. Qal illi l-istima biex isir se tkun ta' €370. Fost l-ideat, fil-filmat jixtiequ jirringrazzjaw lill-Frontliners u jagħmlu promozzjoni tal-lokalita. Il-kunsill qabel.

Id-D.S.Eżekuttiv qal illi kienet intbagħtet korrespondenza mir-Reġjun fejn riedu jaraw jekk il-kunsilli jixtiequ li l-borza l-ħadra tibda tinġabar mir-Reġjun. Il-Kunsill irrifjuta li din isir.

## 13.4 Mistoqsijiet tal-kunsilliera

13.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet.

## 13.5 Rapporti

13.5.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport li rċieva mill-Contracts Manager fuq ix-xogħol tall-kenniesa. Il-kunsillier S.Farrugia staqsa jekk l-istess għanda ssir għal kull kuntratt. Id-D.S.Eżekuttiv qal illi l-kuntratt tinkludi rapport fuq is-servizzi kollha li jingħataw lill-kunsill b'kuntratt.

**Il-kunsillier J.Cardona għamel talba biex punt 14.8 tal-Aġenda tiġi diskussa. Is-Sindku talab raġuni valida izda l-kunsillier J.Cardona rrisponda li hemm bzonn ħin għalija mingħajr ma kien hemm raġuni oħra. Is-Sindku qal illi għanda tiġi diskussa kif stipulata fl-Aġenda la m'hemmx raġuni valida.**

## 13.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

13.6.1 Kameras: Is-Sindku qal illi se jiġu nstallati kameras f'ħames positijiet u qed jaħdem fuqha ma wieħed mill-impjegati tal-Kunsill.

13.6.2 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi fil-fehma tiegħu, m'hemmx għalfejn permess jibdew mid-9.30am fil-ħin tas-sajf. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil illi għas-sajf biss, il-permessi joħorġu mit-8.30am sa 5pm.

13.6.3 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm problema bil-ħamiem fejn it-Topsy. Is-Sindku qal illi kien kellem ma' tobba li kienu lesti jiffirmaw li ssir ix-xogħol jekk ikun hemm tlett kunsilli li huma interessati li ssir ix-xogħol. Id-D.S.Eżekuttiv qal illi importanti li jkun hemm approvazzjoni tal-pulizija wkoll. Kien hemm qbil illi tittieħed azzjoni. Il-kunsillier N.Chetcuti, biex ikompli fuq il-punt ta' fejn it-Topsy, issuġerixxa li jmur ħaddiem tal-Kunsill biex inaddaf kuljum. Id-D.S.Eżekuttiv u s-Sindku qalu li s-CSD imorru hemm kull filgħodu.

13.6.4 Il-kunsillier N.Chetcuti qal illi qed ikun hemm ħafna ilmenti peress illi l-biex tal-Kunsill kienet magħluqa fi zmien il-COVID 19. Is-Sindku fakkar illi servizzi bħal permessi saru online, waqt illi kien hemm problema minħabba l-cash mall-BOV u ma kienux qegħdin isiru ħlasijiet. Qal illi l-Kunsill baqa jopera normali waqt illi fejn kien hemm bzonn, nies kienu jidħlu. Fakkar ukoll illi l-istaff kienu fil-periklu u jekk xi ħadd kellu jimrad il-Kunsill taħglaq kompletament. Wara diskussjoni, u minħabba s-sitwazzjoni preżenti, persuna waħda biss tista titla fil-Kunsill u bil-maskla u sanitizer.

13.6.5 Il-kunsilliera J.Borg staqsiet jekk is-siġar mall-Promenade se jkunu 'pruned' fil-preżent għax hemm bzonn. Id-D.S.Eżekuttiv fakkar illi dawn ix-xogħolijiet ma jsirux fis-sajf.

13.6.6 Is-Sindku qal illi issa li r-restrizzjonijiet m'għadomx kif kienu, hemm il-ħsieb illi jsiru s-Summer Nights mall-Promenade. Il-Kunsill qabel.

**Il-Viċi Sindku daħal għall-ħabta ta' 18:40.**

## 13.7 Presentazzjoni tal-ġnien

13.7.1 Is-Sindku ura vidjo biex turi l-ħsieb illi hemm għall-ġnien qabel ma ssir Public Consultation. Qal illi fuq l-art fejn se jkun hemm il-premises tal-marina, se jkun hemm belvedere bil-roof garden li se tkun miftuħa għall-pubbliku. Żied illi dak illi qegħdin jaraw hija biss idea u mhix il-versjoni finali.

13.7.2 Il-kunsillier I.Buhagiar qal illi forsi jista jkun isiru panelli fuq is-substation. Is-Sindku qal din għanda tkun xi ħaġa li għanda tiġi kkunsidrata.

13.7.3 Is-Sindku qal illi fil-Capiteria se jkun hemm toilets illi se jkunu miftuħin għall-pubbliku.

13.7.4 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li ssir grawnd tal-futbol għal 3-a-side. Fuq dan il-punt is-Sindku qal illi se jħalli f'idejn il-Viċi Sindku u l-kunsillier I.Buhagiar.

13.7.5 Ġiet diskussa l-Public Consultation u kif din għanda ssir. Il-Viċi Sindku qal illi hemm bizzejjed spazju fl-Orpheum izda fakkar illi fil-passat kien hemm oġġezzjoni mingħand ċerti kunsilliera minħabba l-fatt illi hemm konnotazzjonijiet politiċi. Ma kien hemm l-ebda diffikulta li din isir hemmhekk jew fis-sala tal-Kappillan.

13.7.6 Is-Sindku qal illi se jkun hemm bzonn ġibjun fejn kien hemm l-A1.

13.7.7 Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa kemm se jieħdu spazju tal-Marina. Is-Sindku qal illi huma għandom 500 sqr.mtrs izda se ssir il-belvedere fuq l-istess area u effettivament se jkun hemm l-istess floorspace bħal m'hemm fil-preżent. Fakkar ukoll illi għandna nieħdu €35,000 fis-sena għall-manutenzjoni. Semma wkoll il-problema li ma ħadux concession fuq il-pompa tal-petrol illi hemm fil-preżent.

**Il-kunsillier H.Caruana talab illi jkun skuzat għal ftit ħin fis-7pm.**

13.7.8 Il-Viċi Sindku staqsa meta għanda tibda l-proġett. Is-Sindku qal illi jistgħu japplikaw biss malli nagħtu l-approvazzjoni bħala Kunsill Lokali.

**Il-kunsillier H.Caruana reġa daħal fil-kamra fis-7.03pm.**

13.7.9 Is-Sindku reġa għamel referenza għall-istatwi i hemm mall-Promenade u li ssuġerixxa li jsiru kollha fil-ġnien. Qal illi din għanda tkun ikkunsidrata fil-pjanijiet.

## 13.8 Pjazza Meme Scicluna

13.8.1 Ġiet ipprezentata pjanta bl-idea għall-pjazza. Is-Sindku spjega li l-istatwa għanda tiġi f'nofs il-Pjazza waqt illi jkun hemm parking minflok fejn qegħda fil-preżent. L-idea tikkonsista dwar bankina li tiġi mall-bini, arbli antiki, żieda ta' sitt positijiet tal-parkeġġ, il-possibilita li ssir funatana. Is-Sindku qal illi hemm 1364 sqr mtrs u meta jkun hemm attivita jitneħħew il-karozzi u jkun hemm pjazza kif

suppost. Żied illi l-idea hija li tkun paved waqt illi hemm bzonn isiru laqgħat mall-WSC ħalli naraw minn fejn se tgħaddi l-ilma.

## 13.6 Items Oħra

13.6.1 Il-Viċi Sindku talab illi jgħid xi affarijiet peress illi ma kienx preżenti għal-laqgħa qabel.

13.6.2 Il-Viċi Sindku kkonferma li saru s-slielem tal-baħar ma Manoel Island.

13.6.3 Il-Viċi Sindku staqsa għalfejn ma jitneħħewx il-karti tan-No Parkings wara li jsiru x-xogħolijiet. Id-D.S.Eżekuttiv qal illi huwa min qed jaħdem li jara li jitneħħew.

13.6.4 Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li niftħu shelters tal-gwerra. Is-Sindku qal illi hemm aċċess għal dawk ta' Savoy biss izda bħalissa problema għax biex tidħol għandek tidħol minn garaxx. Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

## 13.9 Segretarju Eżekuttiv

13.9.1 Id-D.S.Eżekuttiv qal illi fil-Bord kien hemm is-Sindku, il-kunsillier J.Cardona u H.Caruana. Qal illi l-intervista saret fl-20 ta' Mejju 2020 fuq Zoom. Qal illi waqt illi rċieva l-punti ta' kull membru tal-bord, ma kien hemm l-ebda konkluzjoni għar-rapport izda l-punti għandom jitkellmu u kulħadd għandu jagħti rapport dwar l-opinjoni tiegħu.

Is-Sindku qal illi fil-passat kien hemm ħafna problemi fil-passat mas-Segretarja Eżekuttiva li kien sab fil-bidu tal-leġislatur preċedenti. Qal illi għandu l-biża li ma min saret l-intervista għanda karettaristiċi simili, avolja jifhem illi mhux kulħadd l-istess. Qal illi kien ix-xewqa tiegħu li jkun hemm persuna izgħar, b'ħafna enerġija u li jaħdem tajjeb ma kulħadd. Qal illi fil-passat kien hemm għaxar applikanti u issa ħadd ma jrid japplika. Izda ma jixtieqx illi napprovaw persuna għax hi l-unika applikant. Għalhekk qal illi trid tintgħażel fuq kriterji tajbin u biex nevitaw problemi kbar illi kien hemm fil-passat.

Is-Sindku sema wkoll l-emajls illi inktibu dakinhar tal-laqgħa u ried ikun jaf illi hu, flimkien mad-D.S.Eżekuttiv huma imsallbin u xorta qed isir ix-xogħol. Dwar ċerti punti li intqalu minħabba d-dokumenti tal-laqgħa tal-Kunsill fakkar illi meta intbagħtu fil-ħin hemm min anqas kien jaqrahom izda issa meta hu impenjat izjed mis-soltu, u meta qegħdin jaħdmu b'Deputat, kien hemm min ried jagħmel punt.

Is-Sindku qal illi dwar l-intervista hu biss kien kiteb analiżi li kien bagħat lil membri tal-Bord izda ma kienx irċieva lura. Qal illi fl-analiżi tiegħu kien ċar dwar ir-raġunijiet għalfejn xtaq illi jsiru intervisti oħrajn u f'każ illi jiġri xi ħaġa jkollu x'juri kif analiża kollox hu. Dan għalhiex hu kien jaf minn xiex għaddew fis-sena 2015 u ma jrid l-ebda repetizzjoni ta' dawk l-affarijiet.

Il-kunsillier J.Cardona beda b'referenza għall-emajls u li fl-opinjoni tiegħu s-Sindku ħadha wisq personali u fakkar illi hu kien qed jirrispondi għal emajl oħra li intbagħtet minn kunsillier ieħor. Qal

ukoll illi fl-ebda ħin ma qal illi hu mhux se jattendi għal-laqgħa izda semma lista ta' affarijiet li għandu jiġu indirizzati.

Is-Sindku qal illi jew se jibdew jaħdmu id f'id jew inkella ma jaslux bħala kommunita.

Il-kunsillier S.Farrugia qal illi kienu ħassewha li kienet intbagħtet PAS minn naħa tad-D.S.Eżekuttiv li kien differenti minn dak illi kellu s-Sindku. Is-Sindku qal illi dik kienet każ verament ġenwina u għalhekk ura l-PAS minn fuq iz-Zoom hu dakinhar meta ra li ma kienux irċevew l-updated version. Fakkar ukoll illi l-awditori se jiġu u jagħmlu xogħolhom u ma dawn l-affarijiet m'hemmx ċajt. Żbalji jsiru u l-ebda membru tal-istaff m'għamel zball apposta. Għalhekk affarijiet bħal dawn jeħodhom personali. Qal ukoll illi taħt iċ-ċirkostanzi, speċjalment la m'hemmx Segretarju Eżekuttiv full-time u minħabba ċerti deċiżjonijiet li kellom jittieħdu minħabba l-problemi li kien hemm grazzi għall-pandemija, ikollu jagħti go-ahead ta' malajr izda mhux każ illi ma jixtieqx illi jkun hemm konsultazzjoni.

Wara dan id-diskors il-kunsilliera marru lura għad-deċiżjoni fuq is-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku tkompla li ma jixtieqx illi jkun hemm problemi u qal illi ma sab l-ebda oġġezzjoni li jkun jkun hemm 2 membri minn tlieta li fformaw parti mill-Oppożizzjoni. Qal irid persuna kapaċi u qal illi ċerti mistoqsijiet ma ġewx irrisponduti sew.

Il-kunsillier H.Caruana qal illi wara l-intervista kien tkellem ma persuna li jaħdem ma dik illi għamlet l-intervista u qal illi l-problemi li hemm mhumiex kawżati minnha, imma min ħaddieħor.

Il-kunsillier J.Cardona qal illi hu għamel ħafna mistoqsijiet, fosthom fuq leadership u jaf illi din il-persuna qegħda taħdem f'post problematika u hu wkoll sar jaf dwar iċ-ċirkostanzi li hemm hemmhekk fejn il-persuna m'għanda l-ebda tort. Staqsa lil D.S.Eżekuttiv kemm il-darba ħarġet is-sejħa u d-D.S.Eżekuttiv ikkonferma li kienet ir-raba' waħda izda l-ewwel darba li kien hemm applikant mill-Pool.

Il-kunsillier J.Cardona qal illi ħass illi għanda tingħata opportunita. Il-kunsillier S.Farrugia ssuġerixxa li titħalla pendenti u noħorġu sejħa oħra ħalli naraw jekk hemm interess din id-darba. Id-D.S.Eżekuttiv qal illi din ma tistax isir.

Is-Sindku qal illi jippreferi li jibqa kif qegħdin milli jkun hemm problemi fil-futur.

Il-kunsill mar għall-vot fejn is-Sindku kien ta' marka li taqa taħt il-minimum u l-kunsilliera J.Cardona u H.Caruana taw riżultat pożittiv. Fost il-kunsillier l-oħra kien hemm tnejn li assenjaw il-vot u erbgħa li vvutaw kontra r-rakkomandazzjoni li ġiet magħmula mill-punti tal-Bord. B'hekk il-Kunsill ma approvax il-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv.

Il-kunsillier S.Farrugia talab illi s-sejħa terġa toħroġ malajr. Id-D.S.Eżekuttiv qal illi l-ewwel tagħlaq din u terġa toħroġ oħra. Fakkar lill-kunsilliera li dawk illi huma fil-pool biss huma eleġibbli.

## 13.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

13.10.1 Il-kunsillier S.Farrugia ppropona li l-pagamenti jiu approvati. Il-kunsilliera J.Borg issekondat il-proposta. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni u l-iskeda ġiet approvata.

## 13.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Il-laqgħa intemmet fid-9.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2020 fil-5pm

Konfermati, illum 16 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Conrad Borg Manche<br>Sindku | Anthony Attard<br>Dep. Segretarju Eżekuttiv |